**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 2 ta' Mejju 2018**

**Pulizija**

**Spettur Kevin Pulis**

**Vs**

**Matthew Fenech**

**Carl Caruana**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Matthew Fenech, ta' 22 sena, iben Anthony u Elaine nee' Camilleri, imwieled Zabbar, nhar it-30 ta' Mejju 1995, residenti gewwa Amaryllis, Fl 4, Triq Patri Wistin Born, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' numru 0225695(M)

u

Carl Caruana, ta' 21 sena, bin Claudio u Anabel nee' Bugeja, imwieled il-Pieta' nhar l-14 ta' Dicembru 1996, residenti gewwa Lilium Crt, Fl 6, Triq Patri Wistin Born, Marsaskala u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 0526896(M);

Talli nhar l-1 ta' Mejju, 2018 ghall-habta tad-21:30hrs, u/jew fil-granet ta' qabel din id-data, gewwa r-Rabat:

1) Attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

2) Ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qieghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzawhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3) Ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu qieghdin jaghmlu id-dmirijiet taghhom;

4) Kisru l-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

5) Kellhom fil-pussess taghhom il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha.

Lil Carl Caruana wahdu:

6) Talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni (Kap 446 Art 22) moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. N. Galea Sciberras LLd nhar id-29 ta' Novembru 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

7) Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. N. Galea Sciberras LLd nhar id-29 ta' Novembru, 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-2 ta' Mejju 2018, li giet ikkonfermata minnhom wara li nghataw z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 95, 96, 338(dd) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputati;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannhom ghal multa ta' erbat elef Ewro (€4,000) kull wiehed, u inoltre tilliberhom bil-kundizzjoni illi ma jaghmluh reat iehor fi zmien sentejn ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**